# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 5 ta` April 2022**

Appell numru 93/2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Giovanni Scicluna sive GIOVANNI FARRUGIA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-28 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Giovanni Scicluna sive Giovanni FARRUGIA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 121564M) li ġie mixli talli nhar it-13 ta' Lulju 2013 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu fi Triq l-Assedju l-Kbir Il-Belt Valletta:

    i. Dolożament bil-ħsieb li joqtol lil Adam Cini jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni w ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt billi ta daqqa ta' strument li jaqta' jew iniggeż f'dahar Adam Cini liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendentment mill-volonta' tiegħu;

ii. Ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess Adam Cini jew ikkaġunalu debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew li ġġiblu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem jew marda permanenti tal-moħħ skont kif iċċertifikat minn Dr. Josef Mifsud MD. Reg 3231 ai termini tal-Artikolu 218(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u liema offiża ġiet magħmula b'arma regolari inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż;
iii. Filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta' (minbarra ħsara involontarja) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;
iv. Volontarjament kiser il-bwon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u/jew ġlied.
v. Ġarra 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-bonta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kumissarju tal-Pulizija;
vi. Talli permess tal-preżenti reati addebitati lilu f'każ ta' ħtija l-istess imputat ikun kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta li kien impost fuqu b'sentenza definittiva mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima nhar id-19 ta' Awwissu 2012;
vii. Talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 permezz tal-istess sentenza datata 19 ta' Awwissu 2012 fejn l-istess imputat kien ukoll immultat is-somma ta' Euro 500.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddeċidiet bis-segwenti mod:
   (a) astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni in kwantu l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu waqqa' din l-imputazzjoni;
   (b) ma sabitx lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni u illiberatu minnha;
   (c) sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha l-oħra ai termini tal-Artikoli 49, 214, 215, 216(1)(b)(c), 217, 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni sabet ħtija ai termini tal-Artikolu 216 u mhux 218 tal-Kodiċi Kriminali u inoltre ma sabitux ħati tal-addebitu tar-reċediva fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali;
   (d) ikkundannatu għal 3 snin priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' Ewro 116.47.
   (e) In kwantu għall-imputazzjoni tal-ksur tal-probation, wara li rat l-artikoli 20, 261(b)(c)(e)(f), 263, 269(g), 270, 278(3), 279(a),

325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u trattat mal-imputat għar-reat ta' serq bl-aggravji addebitati u ta' ħsara volontarja li tagħhom instab ħati fid-19 ta' Awissu 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati daqslikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati u filwaqt kkonfermat is-sejbien ta' ħtija kif irriżulta mill-imsemmija sentenza kkundannatu għal sentejn priġunerija. Kumplessivament, imponiet piena ta' 5 snin priġunerija u multa ta' Ewro 116.47.

(f) In oltre, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ordnat lill-ħati iħallas s-somma ta' Ewro 5,064.27.

(g) Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali ordnat il-konfiska tas-sikkina eżebita fl-atti.

(h) Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' trażżin fil-konfront tal-imputat li permezz tiegħu tat effett għal kull ma hemm fis-subinċiż 3 tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali favur Adam Cini għal żmien tlett snin li jibda jgħodd mid-data li fiha l-ħati jkun skonta l-piena.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Giovanni Scicluna sive Giovanni FARRUGIA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati tas-sitt imputazzjoni (Artikolu 21 tal-Att dwar il-Probation) u fejn erogat piena kumplessiva ta' ħames snin priġunerija u tikkonfermaha fil-bqija b'dan li fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ssib li hija skużabbli skont l-Artikolu 230(a) jew 230(ċ) tal-Kodiċi Kriminali jew alternattivament tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena u dan wara li stqarr is-segwenti:

i. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kkonsidratx b'mod korrett id-difiża tal-appellant fir-rigward tat-tieni imputazzjoni liema difiża kienet tikkonsisti fil-fatt li l-offiżi minnu kommessi kienu skużabbli skont l-Artikolu 230(a) u (ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Dan qiegħed jingħad għaliex il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti jirreferu kważi esklussivament (f'paġna 48-49) għall-kriterju tat-temperament ordinarju li huwa wieħed estranju għal din id-difiża. Il-kriterju tat-temperament ordinarju huwa applikabbli għad-difiża taħt l-Artikolu 230(b) li tagħmel referenza għall-Artikolu 227(ċ) u kwindi mhux applikabbli għal din id-difiża skont l-Artikolu 230(a)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Infatti fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi ntqal li l-kliem f'nies ta' temperament ordinarju huwa kliem li jinsab fil-proviso tal-Artikolu 227ċ tal-Kodiċi Kriminali u japplikaw biss għal dak il-paragrafu. Illi abbażi tal-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, l-appellant mhux se jikkontesta l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkunsidrat iktar veritiera l-verżjoni li taw Adam Cini, Anthony Pirotta, Manolo Dingli, Samuel Spiteri u Cassandra Galea iżda

sejjer juri kif dan l-aġir tal-appellant kien skużabbli ai termini tal-Artikolu 230(a) jew (ċ) skont dak li qalu dawn stess.

Illi fir-rigward tad-difiża tal-provokazzjoni, l-appellant isostni li l-offiżi kommessi fuq il-persuna ta' Adam Cini huma skużabbli skont l-Artikolu 230(a) jew (ċ) tal-Kodiċi Kriminali u dawn huma difiżi alternattivi in kwantu liema dispożizzjoni tapplika tiddependi min-natura tal-offiżi sofferti mill-appellant. Skont ix-xhieda ta' Dr. Anne Marie Bonello l-appellant sofra ġrieħi gravi u anki sarhulu xi punti fuq xufftejh. Huwa għalhekk ċar li l-paragrafu applikabbli huwa l-Artikolu 230(a) tal-Kodiċi Kriminali li jirreferi għall-Artikolu 227(a) li jagħmel referenza speċifika għal meta l-offiża gravi jew delitt ieħor kontra l-persuna tkun soġġetta għall-piena ta' aktar minn sentejn priġunerija. Fl-eventwalita' li l-Qorti tirritjeni li l-offiża kienet waħda ħafifa allura jkun japplika l-Artikolu 230(ċ) tal-Kodiċi Kriminali li jirreferi għal delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna.

Jidher li meta l-Qorti tal-Maġistrati kkonsidrat u kkummentat dwar xi bżonn impellenti kien hemm li l-appellant jagħti daqqa ta' sikkina lill-vittma f'dak il-ħin, hija kienet qiegħda tikkonfondi d-difiża tal-provokazzjoni ma' dik tal-leġittima difiża. Il-bżonn impellenti ta' azzjoni hija karatteristika indispensabbli tal-leġittima difesa u hija wkoll l-iżjed karatteristika li tiddifferenzja bejn dawn iż-żewġ difiżi. Huwa għalhekk pależi li l-Qorti ġiet zgwidata minn konsiderazzjonijiet li huma totalment estranji għad-difiża mogħtija mill-appellant in kwantu l-appellant qatt ma invoka favur tiegħu l-leġittima difesa jew l-eċċess tagħha.

Illi kif ingħad fil-Pulizija vs, Christopher Gauci, sabiex tirnexxi d-difiża tal-provokazzjoni jrid ikun hemm immedjatezza u cjoe li dak li jkun ikun qiegħed jirreaġixxi għal xi ħaġa li tkun saritlu dak il-ħin u mhux qabel. Fil-każ Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Aquilina, intqal li biex l-iskużanti tal-provokazzjoni tiswa r-reazzjoni trid tkun immedjata u istantanea jiġifieri l-aġir tal-akkużat irid ikun sar dak il-ħin stess li fil-konfront tiegħu tkun saret il-provokazzjoni da parte tal-offiż immedjatament jew ma jkunx għadda żmien biżżejjed biex il-moħħ jilħaq jikkalma u terġa tipprevali r-raġuni. Għalhekk dak li kellha tara l-Qorti mhux il-bżonn impellenti tal-att iżda jekk kienx hemm immedjatezza kif spjegat minn Sir Anthony Mamo. Mir-rakkont ta' sħab Adam Cini, l-appellant tah daqqa ta' sikkina f'daharu meta Cini kien għadu kif telaq lill-appellant wara li dan kien meddu fuq ir-railings b'rasu taħt il-ħadid u tah bil-ponn f'wiċċu tant li rriżulta li kellu bżonn is-suturi. Għalhekk ċertament li ma kienx hemm sufficient cooling time for the passion to subside and reason to interpose and gain domination over the mind state. Għalhekk l-Artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali mhux applikabbli għal dan il-każ.

Il-Qorti tal-Maġistrati sorprendentement qalet ukoll li l-inċident bdieh l-appellant u li ma kien hemm ebda provokazzjoni minn Adam Cini. Issa, fl-agħar ipoteżi anki jekk wieħed kellu jistrieħ biss fuq ix-xhieda ta' Adam Cini u sħabu, l-inċident beda kontemporanjament minn Cini u sħabu (ad eċċezzjoni ta' Cassandra Galea) u l-appellant. Kulma ried l-appellant li tintalab skuża għall-missieru li ġie offiż minn Cini. Cini sfidah u qallu li ma

riedx japoloġizza. L-inċident ħa dimensjoni oħra meta kif spjega Pirotta kienu kollha qaqoċċa madwar l-appellant u Cini tah daqqa ta' ponn meta l-appellant kien mal-art u bla nuċċali li kien ġie mtajjar u ġarru u meddlu rasu mar-railings, taħt il-ħadid.

Huwa evidenti li l-appellant ġie provokat minn Adam Cini u minn sħabu u kien biss wara li tpoġġa f'sitwazzjoni ta' perikolu għall-inkolumita' tiegħu li rreaġixxa. Ma jistax jingħad li kien l-appellant waħdu li skaturixxa l-inċident li wassal għall-prosekuzzjoni tiegħu u għall-għoti informali mill-Pulizija ta' immunita lil Cini b'mod temporanju u lill-sħabu b'mod permanenti. Illi huwa għalhekk pależi li l-offiża gravi fuq il-persuna ta' Cini kommessa mill-appellant hija skużabbli skont l-Artikolu 230a jew 230ċ tal-kodiċi Kriminali skont il-każ.

ii. It-tieni aggravju jikkonsisti fli l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta sabet ħtija fis-sitt imputazzjoni. Fir-rinviju għall-ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali indika l-Artikolu 21 tal-Att dwar il-Probation u l-Qorti tal-Maġistrati minflok ma rat jekk l-appellant kienx ħati tal-ksur tal-kundizzjonijiet hekk kif isemmi l-Artikolu 21 ta' dak l-Att, itrattat l-imputazzjoni relattiva bħala akkuża ta' ksur tal-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak li l-Qorti kellha tagħmel huwa li tara jekk kinitx tirriżulta ħtija fl-Artikolu tal-Liġi indikat mill-Avukat Ġenerali, Artikolu 21 tal-istess Kapitolu liema artikolu ma ġie indikat imkien la fil-konsiderandi u lanqas fil-parti dispożitiva tas-sentenza. Il-Qorti tal-Maġistrati m'għamlitx id-distinzjoni bejn l-Artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 21 jitratta l-ksur tal-kundizzjonijiet tas-sanzjoni komunitarja (li skont l-Artikolu 2 tinkludi wkoll ordni ta' probation) mentri l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jitratta l-każ ta' meta jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija dwar reat li jkun sar inter alia matul il-perjodu operattiv ta' probation.

iii. It-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, il-Qorti tal-Maġistrati ikkargat il-piena mingħajr ma kkunsidrat iċ-ċirkostanzi li kienu jindikaw li l-piena ma kellhiex tkun viċin il-massimu. Illi mhux ġust li l-Qorti ħadet konsiderazzjoni tar-reċediva fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali għaliex il-Qorti kkundannat lill-appellant għal sentejn priġunerija dwar l-istess sentenza. Mhemmx dubju li l-appellant ġie provokat. L-appellant ġie aggredit b'iktar minn persuna waħda u effettivament anki subixxa offiża ta' natura gravi. Għalhekk ma kien hemm ebda raġuni li l-piena tiġi kkargata b'dak il-mod.

Fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija ta' twettiq ta' reati matul il-perjodu operattiv tal-ordni tal-probation, il-Qorti tal-Maġistrati erogat piena ulterjuri ta' sentejn priġunerija. Il-fatt li l-appellant ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation ma jfissirx li l-Qorti ma kellhiex tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ li wassal għall-għoti ta' ordni ta' probation meta ġiet biex tikkalibra l-piena li kienu ammissjoni bikrija, serq mingħajr vjolenza ta' ammont mhux kbir, l-irkupra tar-refurtiva u fedanli penali mhux allarmanti. Dawn huma ċertament ċirkostanzi li għandhom jimmiltaw favur il-piena fil-minimum tagħha. Għalhekk il-piena

komplessiva ta’ ħames snin priġunerija kienet waħda gravuża ħafna tenut kont taċ-ċirkostanzi msemmija iktar ‘il fuq.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux

---

[1] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta'**

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

11. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

12. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

13. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

14. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha,

---

**Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[5] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

15. Fil-każ Ingliż **Majid**,[6] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

16. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[7] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

17. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

---

[5] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[6] ibid.
[7] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

18. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

19. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.[8]**
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

20. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-

[8] Emfasi ta' din il-Qorti.
[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

21. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

22. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what

is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

23. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu

ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

24. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory".

Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

27. Illi nhar it-13 ta' Lulju tas-sena 2013, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu, il-Pulizija tal-Għassa tal-Belt Valletta rċeviet rapport li ġewwa Triq l-Assedju l-Kbir fil-Belt Valletta, kien hemm persuna feruta minħabba li kienet qalgħet daqqa' ta' arma bil-ponta. Il-Pulizija minnufih niżlu fuq il-post fejn sabu lil ċertu Adam Cini fuq ċint, ferut u muġugħ minħabba li kellu sikkina mdaħħla kollha ġo daharu u madwaru kien hemm erba' żgħażagħ oħra bl-isem ta' Anthony Pirotta, Manolo Dingli, Samuel Spiteri u Cassandra Galea. Il-Pulizija setgħu jinnutaw ukoll li mal-art kien hemm xi dmija. Dawn il-persuni stqarrew mal-Pulizija li Adam Cini kien safa' aggredit b'sikkina minn persuna maskili li kienet telgħet minn triq li tinsab taħt il-livell ta' Triq l-Assedju l-Kbir u qalu wkoll li l-argument għall-ewwel kien jikkonsisti biss fi skambju verbali ta' kliem ħażin u offensiv. Qalu li dan ir-raġel tela' għalihom minn isfel u lil Adam Cini l-ewwel talbu sabiex jiskuża ruħu minħabba xi kliem offensiv li dan kien qal fuq missieru u li kif dan irrifjuta li jiskuża ruħu, qala' daqqa' ta' ponn mingħand din il-persuna. Minn hemmhekk bdiet kollutazzjoni bejn Cini u FARRUGIA u dan tal-aħħar ta daqqa' ta' sikkina lil Cini hekk kif dan tal-aħħar dar b'daharu lejn FARRUGIA. Adam Cini stqarr li din il-persuna kienet telgħet għalih armata b'sikkina. Il-Pulizija minnufih bdew bl-istħarriġ tagħhom. Infetħet ukoll Inkjesta Maġisterjali u nħatru diversi esperti sabiex jassistu lill-Maġistrat Inkwirenti fl-indaġni li kellha ssir b'rabta mal-każ. Il-Pulizija tat-Taqsima Forensika ssiġillaw ix-xena tad-delitt.

28. Mill-istħarriġ tagħhom il-Pulizija identifikaw lil din il-persuna li kienet aggrediet lil Adam Cini bħala Giovanni Scicluna sive FARRUGIA li kien jgħix f'abitazzjoni taħt il-livell tat-triq fi Triq il-Lanċa, l-Belt Valletta. Dan min-naħa tiegħu stqarr li kien ferut ukoll

u li l-argument beda meta ż-żgħażagħ bdew joffenduh u wieħed minnhom li kien liebes l-iswed - b'referenza kwindi għal Adam Cini - niżel għalih hemm isfel fejn l-abitazzjoni tiegħu u tah xi daqqiet f'wiċċu. Jirriżulta wkoll li waqt din il-kollutazzjoni ntervjena ċertu Massimo Caruana, li kien qiegħed jgħix temporanjament mal-akkużat FARRUGIA, u b'serrieq ipprova jbeżża' lil dawn iż-żgħażagħ sabiex ma jkomplux jgħatu daqqiet lill-akkużat. Dan Caruana iżda qatt ma daħal fiżikament fil-kollutazzjoni li kienet qiegħda sseħħ bejn FARRUGIA u Cini.

29. Illi kemm Adam Cini kif ukoll l-akkużat FARRUGIA ttieħdu l-isptar minħabba l-ġrieħi li sofrew. Adam Cini ttieħed l-isptar Mater Dei b'ambulanza fejn ġie immedjatament operat minħabba li s-sikkina kienet nifditlu anki l-pulmun u kien hemm ir-riskju ta' kumplikazzjonijiet ta' saħħa. FARRUGIA ukoll kien medikat minħabba li sofra tiċrit f'xufftejh u għamlulu l-punti f'wiċċu. Illi nhar il-14 ta' Lulju tas-sena 2013, FARRUGIA tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'rabta ma' dan l-inċident.

## Ikkunsidrat

30. Illi l-appellant qiegħed iġib 'il quddiem żewġ difiżi, waħda bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 230(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-oħra fuq is-subinċiż (ċ) tal-istess artikolu, liema dispożizzjonijiet jikkontemplaw l-iskużanti tal-provokazzjoni għar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna. Din hija ipotizzabbli meta l-awtur tar-reat jikkometti delitt fuq il-persuna tal-vittma iżda minħabba fatturi attribwibbli għal ċerta imġieba tal-vittma li setgħet twassal għal dik ir-reazzjoni fl-aġent tar-reat, il-Liġi tippermetti tnaqqis fil-piena minn dik li oriġinarjament ikun iġorr ir-reat kommess mill-awtur.

31. Il-Liġi tirrikonoxxi li tkun **il-vittma stess li tkun ipprovokat lill-awtur tar-reat** b'mod li kieku ma kienx ġie ipprovokat l-awtur ma kienx jirreaġixxi bi ksur tal-Liġi u jikkommetti r-reat kontra l-persuna tal-vitma. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. George Johnston** deċiż nhar is-16 ta' Marzu 2005, dil-Qorti stħarġet ukoll l-element tal-provokazzjoni u saħqet li

> Fi kliem Manzini [vol 2 - pg 240 - Diritto Penale] "In uno stato di ira determinato da un fatto ingusto altrui."
>
> L-awtur Ingliz Hart, fil-ktieb tieghu Punishment and Responsibility jghid:

"Provocation is therefore considered as a good enough reason for a diminution of punishment because the agent's ability to control his action is thought to have been impaired or weakened otherwise than by his own action so that conformity to the law which he has broken was a matter of special difficulty for him, as compared with normal persons, normally placed."

32. Fil-fatt, ġuristi Taljani li kkummentaw fuq il-mitiganti tal-'provocazione' taħt l-articolo 62 comma 2 tal-Codice Penale jgħidu li l-provokazzjoni:

Si tratta di una circostanza soggettiva (PULITANÒ, Diritto penale, Giappichelli, 2013, p. 406; FIANDACA - MUSCO, Diritto penale. Parte generale, Zanichelli, 2008, p. 437), in quanto incidente non sulla obbiettività del fatto bensì sulla colpevolezza dell'autore: la linea di demarcazione tra lecito e illecito è varcata non per autonoma scelta criminosa del reo, quanto per aver subìto – l'agente – un fatto ingiusto ad opera del soggetto passivo, che lo ha spinto ad agire in maniera offensiva degli interessi giuridici di quest'ultimo (si assiste insomma ad una minore esigibilità del comportamento doveroso).

Più precisamente, il fatto ingiusto deve aver cagionato **uno "stato di ira"**, ***id est*** **un moto dell'animo di gran lunga più intenso del mero stato emotivo o di agitazione, e produttivo di un importante disordine interiore a propria volta coincidente con una perdita delle capacità di autocontrollo**[10] (si veda MANZINI, Trattato di diritto penale italiano, vol. II, Utet, 1985, p. 254), ciò determinando una maggiore propensione alla reazione che si esteriorizza nel fatto illecito.[11]

33. Illi, l-Artikolu 230 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi meta offiża volontarja fuq il-persuna tista' titqies li hija skużabbli. L-ewwel skużanti li l-appellant jinvoka favur tiegħu hija dik imsemmija fl-artikolu 230(a) tal-Kodiċi Kriminali li tqis bħala skuża wkoll il-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-Artikolu 227(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, li jaqraw hekk:

L-omiċidju volontarju hu skużabbli –

(a) jekk ikun ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija;

(b) jekk ikun sar fil-waqt li wieħed, bi nhar, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta'reċinti, ta' ħitan, jew tad-daħla ta' dar

[10] L-enfasi ta' din il-Qorti.
[11] LATTENUANTE_DELLA_PROVOCAZIONE_ELEMENTI.pdf aċċess: 15 ta' Settembru 2021

jew ta’appartament abitat, jew post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma’ dik id-dar jew ma’ dak l-appartament;[12]

34. F’dan l-appell, biex din id-difiża tirnexxi, l-appellant irid juri li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha provi quddiemha li juru, sal-livell tal-probabli, li meta huwa nifed dahar Cini bis-sikkina huwa għamel dan għaliex:

(a) kien qiegħed jirreaġixxi għall-provokazzjoni ta’ Cini li kienet tikkonsisti f’li Cini kkawżalu offiża gravi fuq il-persuna tiegħu jew b’delitt ieħor kontra l-persuna tal-appellant, iżda liema delitt kien iġorr il-piena ta’ aktar minn sena priġunerija; jew li

(b) sar fil-waqt li l-appellant, bi nhar, ikun qiegħed jirreżisti lil Cini biex ma jħallihx jagħmel jew ikompli l-iskalata jew il-ksur ta’ reċinti, ta’ ħitan, jew tad-daħla ta’ dar jew ta’ appartament abitat, jew post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma’ dik id-dar jew ma’ dak l-appartament; jew li

(c) kien qed jirreaġixxi għall-provokazzjoni ta’ Cini meta Cini ikkommetta delitt kontra l-persuna tiegħu ta’ liema xorta kien. Din il-provokazzjoni taħt l-artikolu 230(ċ) tal-Kodiċi Kriminali tista’ tkun tikkonsisti fi kwalsiasi att li skont il-Liġi jkun jikkwalifika bħala delitt kontra l-persuna ta’ liema xorta jkun mingħajr limiti ta’ massimu jew minimu ta’ piena. B’hekk din il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) interpretatx korrettement dawn id-disposizzjonijiet imsemmija mid-Difiża u li skont l-appellant kienu applikabbli għal dan il-każ.

35. Illi jekk wieħed jimxi fuq dak li qiegħed jgħid l-appellant fid-Difiża tiegħu, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha provi b’saħħithom biżżejjed quddiemha li bis-saħħa tagħhom setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li kien hemm provokazzjoni da’ parti ta Adam Cini li waslet lill-appellant biex jirreaġixxi f’dan il-każ bil-mod kif għamel. Biex dan l-argument jirnexxi, jeħtieġ lill-appellant li jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha allura daqstant provi sodi li juru li l-appellant nifed lil Adam Cini:

(a) minħabba provokazzjoni da parti ta’ Cini fir-rigward tal-appellant u konsistenti fi provokazzjoni imsemmija taħt **is-subinċiżi (a) jew (ċ) tal-artikolu 230 tal-Kodiċi Kriminali** u li fit-termini tagħhom, irriżulta li Adam Cini kien

(i) wettaq offiża gravi fuq il-persuna tal-appellant; jew

[12] Dan is-subinċiż ma jsibx applikazzjoni għall-każ in diżamina.

(ii) wettaq delitt ieħor punibbli b'aktar minn sena priġunerija kontra l-persuna tal-appellant; jew
(iii) wettaq delitt ieħor kontra l-persuna tal-appellant.

(F'dan il-każ, aktar l-isfel imsejħin "il-provokazzjoni")

(b) u nifdu filwaqt tal-azzjoni li tagħha inġabet bħala skuża, jew almenu f'temp qasir ħafna mill-mument li kienet avverat ruħha l-provokazzjoni minn Adam Cini kontra l-appellant.

36. Dawn huma wħud mix-xenarji maħluqa mill-Liġi dwar l-attenwanti tal-provokazzjoni fl-ordinament ġuridiku Malti. Il-lokuzzjoni adoperata fl-Artikolu 230(a) u (ċ) tal-Kodiċi Kriminali tekwipara l-provokazzjoni mal-kommissjoni ta' **delitt** imwettaq mis-suġġett passiva kontra s-suġġett attiv tar-reat. Meta tiġi invokata taħt dawn is-subinċiżi, l-attenwanti tal-provokazzjoni trid tkun azzjoni delittwali (stante li offiża gravi hija, minna nnifisha, offiża delittwali) u mhux sempliċement azzjoni li tmur kontra l-imġieba komunement aċċettabbli f'soċjeta' ċivili. Il-kunċett tal-provokazzjoni huwa regolat b'elementi li huma **oġġettivament riskontrabbli** u konsistenti fil-kommissjoni ta' delitt kontra s-suġġett attiv minn id is-suġġett passiv.

37. Kemm dan it-test oġġettiv huwa meħtieġ, huwa rifless ukoll minn ġurisprudenza u duttrina dwar il-limiti tal-provokazzjoni anke mifhum fis-sens wiesa' tat-terminu. Il-Qorti Kriminali fis-sede t'appell tagħha, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Philip Muscat** deċiża nhar it-12 ta' Marzu 1960 kienet stqarret hekk:

> L-iskużanti tal-provokazzjoni ma tistgħax tingħata sepliċement għax l-imputat, filwaqt tad-delitt kien aġitat; imma jeħtieġ li din l-aġitazzjoni tkun ġiet prodotta minn ċirkostanzi tali li jintitolawha għall-indulġenza tal-liġi. **U għalhekk il-liġi tagħna, filwaqt li min-naħa waħda tammetti l-provokazzjoni, minn naħa l-oħra tirrikonoxxi illi din il-minoranti għandha tkun limitata b'mod li mgħandhiex tmur kontra l-prinċipju li wieħed għandu l-obbligu li jikkontrolla l-passjonijiet tiegħu.**[13]

38. Limitazzjoni ġenerika oħra fuq l-attenwanti tal-provokazzjoni rikonoxxuta mill-ġurisprudenza hija l-fatt li tali minoranti ma tistax tiġi invokata b'suċċess meta s-suġġett attiv iġib ruħu b'mod li hu stess ikun aġixxa ta' aġent provokatur; jew meta s-suġġett passiv u s-suġġett attiv ikunu reċiprokament ipprovokaw lil xulxin. Anke l-Professur Mamo jisħaq li l-iskużanti tal-provokazzjoni hija

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

ġeneralment eskluża jekk ikun is-suġġett attiv innifsu li jkun ta lok għall-ewwel att provokatur.  Huwa jiċċita mill-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. S. Lia** deċiż fit-3 ta' Marzu 1948 fejn il-Qorti Kriminali, f'sede t'appell kienet qalet li l-iskużanti tal-provokazzjoni tiġi eskluża bil-fatt li kien l-imputat stess li kien beda l-ġlieda f'dak il-każ.  Dik is-sentenza għamlet riferenza għal dak li d-duttrina Ingliża irriferiet għalih bħala "**provocation provoked by the provoker**".[14]

39. Posizzjoni identika ġiet adottata mill-ġurisprudenza oħra Maltija fl-appell kriminali **Philip Muscat** imsemmi iżjed il-fuq, għalkemm b'ċenn aktar speċifiku għall-iskużanti tal-passjoni, fejn pero ġie ribadit li:

> Fost ir-restrizzjonijiet tal-iskużanti tal-provokazzjoni hemm anki dik illi min ikun qed jitlob dan il-benefiċċju ma jkunx hu stess il-provokatur u għalhekk min f'kollutazzjoni jikkaġuna feriti lil ħadd ieħor ma jistgħax jitlob l-iskużanti tal-passjoni, ma jistgħax jinvoka l-'calor rixae', jekk il-kollutazzjoni pprovokaha hu stess.

40. F'dan is-sens il-Mantovani[15] jikkummenta kif sabiex tiġi invokata b'suċċess l-attenwanti tal-*provocazione*, jeħtieġ li:

> Il provocato versasse in una situazione iniziale legittima o quantomeno non illecita, non potendo operare l'attenuante quando il fatto ingiusto del provocatore sia stato in precedenza cagionato da un comportamento altrettanto ingiusto del provocato c.d. provocazione reciproca.

41. Anki l-Cassazione Taljana kienet ċara fuq dan il-punt:

> Non puo' essere invocata l'attenuante della provocazione quando il fatto apparentemente ingiusto della vittima cui l'agente abbia reagito, sia stato determinato a sua volta da un precedente comportamento ingiusto dello stesso agente o sia frutto di reciproche provocazioni – Cassazione Penale n. 27698/2018.[16]
>
> La circostanza attenuante della provocazione e' configurabile solo in presenza di una situazione iniziale di legittimita' o, almeno di non illecita' dell'offensore confliggente con una opposta condizione di illecita' dell'offeso e qualificata da un intento reattivo a siffatta situazione di illecita'. Ne consegue che essa non e' applicabile a favore dell'autore di un delitto quando il fatto apparentemente ingiusto della vittima, cui l'agente abbia reagito, sia stato determinato a sua volta da un precedente comportamento

[14] Ara Notes on Criminal Law, it-Tielet Volum, paġna 242.
[15] <LATTENUANTE_DELLA_PROVOCAZIONE_ELEMENTI.pdf> aċċessat fl-20 ta' Settembru 2021
[16] <Art. 62 codice penale - Circostanze attenuanti comuni> - Brocardi.it, aċċessat fl-14 ta' Settembru 2021

ingiusto dello stesso agente o sia frutto di reciproche provocazioni – Cassazione Penale numero 26847/2010.[17]

42. Limitazzjoni ġenerika oħra fir-rigward tal-iskużanti tal-provokazzjoni hija wkoll riflessa fil-ħtieġa li r-reazzjoni tas-suġġett attiv tkun proporzjonata għall-att tal-provokazzjoni subit. Fil-fatt fis-sentenza **S. Lia** ċitata minn Mamo kif imsemmi iżjed il-fuq, dik il-Qorti kienet irriteniet li l-attenwanti tal-provokazzjoni kienet ukoll teħtieġ li r-reazzjoni tas-suġġett attiv tkun waħda proporzjonata, mentri f'dak il-każ l-imputat kien uża arma. Il-proporzjonalita tar-reazzjoni tas-suġġett attiv tiġi meqjusa skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u s-sitwazzjoni li jkun jinsab fiha s-suġġett attiv fil-mument meta jkun issubixxa l-provokazzjoni. Fil-każ tal-iskużanti tal-provokazzjoni l-Liġi ma tirrikjedix neċessarjament li jkun hemm proporzjonalita' matematika bejn ir-reazzjoni tas-suġġett attiv u l-provokazzjoni inġusta subita minnu. Biss din ir-reazzjoni trid tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalita fir-reazzjoni tal-aġent fis-sens li, meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ma tkunx tirriżulta li kienet reazzjoni irraġonevolment sproporzjonata. Dan il-prinċipju ġie wkoll abbraċċjat mill-ġurisprudenza Maltija.[18]

43. Sa ċertu punt isegwi ċerti linja gwida addottati mill-Qrati tal-Cassazione Taljani fil-valutazzjoni tal-attenwanti tal-provokazzjoni. Fid-duttrina Taljana l-eċċess ta' proporzjon li jkun jirriżulta *ictu oculi* saħansitra jeskludi in-ness ta' każwalita bejn il-provokazzjoni inġusta u r-reazzjoni tal-aġent tar-reat. Dan pero jrid jittieħed fil-kuntest legali ftit differenti fis-sens li l-ġurisprudenza Taljana, a differenza ta' dik Maltija, bħala prinċipju ma teħtieġx tassattivament l-osservanza tar-rekwiżiti tal-proporzjonalita *strictu sensu*.

La circostanza attenuante della provocazione, pur non richiedendo i requisiti di adeguatezza e propozionalita', non sussiste ogni quavolta la sprorporzione fra il fatto ingiusto altrui ed il reato commesso sia talmente grave e macroscopica da escludere lo stato d'ira ovvero il nesso casuale fra il fatto ingiusto e l'ira – Cassazione Penale numero 604/2014.

Ai fini della esclusione della circostanza attenuante di cui all'art. 62 n.2 c.p., il requisito della proporzione tra fatto ingiusto e reazione, pur non avendo il carattere dell'essenzialita', puo' assumere rilevanza se l'accertata mancanza di un qualsiasi rapporto di adeguatezza della reazione al fatto provocatorio faccia si' che questa debba essere considerato un mero pretesto di cui l'agente abbia approfittato per dare sfogo alla propria prepotenza, violenza, malvagita' d'animo o aggressivita' cosi' escludendo

[17] Ibid.
[18] Ara fost oħrajn **Il-Pulizija vs. George Johnston** iċċitata aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

la sussistenza del nesso casuale fra fatto provocatorio e reazione – Cassazione Penale numero 16632/2013.

Per il riconscimento della circostanza attenuante della provocazione, pur non richiedendosi la proporzione tra reazione ed offesa, occorre tener conto del criterio di adeguatezza come parametro utile alla valutazione dello stato d'animo del reo, che, nel caso evidente sproporzione, tradisce sentimenti e stati psicologici diversi dallo stato d'ira – Cassazione Penale 24693/2004.[19]

44. Illi kif diġa intqal iżjed il-fuq, biex l-attenwanti tal-provokazzjoni tiġi milqugħa jeħtieġ li tirriżulta rabta ta' kawża-effett bejn l-azzjoni provokatorja tas-suġġett passiv mar-reazzjoni tas-suġġett attiv tar-reat b'mod li l-provokazzjoni u r-reazzjoni jkunu seħħew viċin ħafna ta' xulxin. Iktar ma' jgħaddi ħin bejn l-att provokatur tas-suġġett passiv u r-reazzjoni tas-suġġett attiv, iżjed tiddgħajjef il-possibilita' li tiġi invokata b'suċċess l-attenwanti tal-provokazzjoni. Fl-appell kriminali **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Melchior Spiteri** deċiża nhar it-28 ta' Frar 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali abbraċċjat l-indirizz li kien għamel l-imħallef li ppresjeda l-ġuri fuq l-element ta' l-immedjatezza bejn l-azzjoni provokatorja u r-reazzjoni tal-aġent tar-reat u intqal hekk:

Naraw dak [ix-xiehda ta' l-appellant, l-istato d'animo tieghu] fejn iwassalkom, ghaliex is-sens ta' tpattija, is-sens ta' vendikazzjoni, is-sens ta' ha nelimina sors ta' inkwiet, mhuwiex dak li jispira lil-legislatur meta nigu ghal eccezzjonijiet ta' din ix-xorta bhal self-defence. Mhux dak li gara l-bierah jghodd, x'qed jigri dak il-hin biex ikun hemm is-self-defence. Jekk hija l-provokazzjoni l-istess, mhux x'ghamilli gimgha ilu, mhux x'ghamel lill-mama` tieghi gimaghtejn ilu, x'qed jaghmillek dak il-hin. M'hemmx ghalfejn dak il-hin dak il-hin, jekk ikun gara hames minuti qabel, ghaxar minuti qabel, forsi siegha qabel u ghadek imdahdah, ghax ara x'ghamillek u tkun ghadek ipperturbat u agitat. Imma jrid ikun hemm certu kuntest li ma ghaddiex hafna zmien biex wiehed jilhaq jikkalma, jew jilhaq isib is-sensi tieghu. Allura anke dak li gara qabel, tridu taraw kemm gara qabel, u b'liema mod gara qabel u x'gara wara, imbaghad li gara qabel dawk il-fatti, hemm lelement taz-zmien, tat-trapass taz-zmien, jista' jkun fattur importanti favur jew kontra l-akkuzat, meta tezaminawh (sottolinear ta' din il-Qorti).

45. Illi għalhekk l-analiżi taċ-ċirkostanzi tal-każ issir ċentrali għad-determinazzjoni ta' jekk il-provokat, għad li jkun irreaġixxa għall-att provokatorju, jkunx irreaġixxa b'mod sproporzjonat f'dik is-sitwazzjoni partikolari meta wieħed janalizza dik is-sitwazzjoni minn lenti oġġettiva.

[19] <Art. 62 codice penale - Circostanze attenuanti comuni> - Brocardi.it, aċċessat fl-14 ta' Settembru 2021

**Ikkunsidrat**

46. Illi f'din il-kawża xehdu diversi persuni li assistew għall-inċident li seħħ fl-għodwa tat-13 ta' Lulju 2013 fi Triq il-Lanċa, Il-Belt Valletta; iżda ħadd minnhom ma ta verżjoni li taqbel għal kollox ma' dik ta' qablu. Dawn id-differenzi jeżistu anke fuq punti determinanti għal dan il-każ, inkluż fuq
i) kif bdiet il-kollutazzjoni
ii) fejn bdiet u kompliet il-kollutazzjoni
iii) min ħa sehem f'din il-kollutazzjoni u b'liema mod
iv) fuq il-mument meta l-appellant nifed lil CINI bis-sikkina u
v) fuq kif eventwalment spiċċat il-kollutazzjoni bejn Cini u FARRUGIA.

47. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**[20] kien intqal kif meta l-Qorti tkun rinfaċċjata b'sitwazzjoni ta' kunflitt fil-provi, hija għandha twieżen il-kredibilita' ta' kull xhud skont il-kriterji dettati mill-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali fid-determinazzjoni ta' dik il-verita' storika li jkun jeħtieġ li tasal għaliha in kwantu:

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux.

48. Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għalhekk trid tevalwa u tieħu qies

> tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:[21]

49. B'mod ukoll li skont l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali dawn il-Qrati għandhom diskrezzjoni biex jistrieħu anki fuq ix-xhieda ta' xhud wieħed biss u jqisu dak li jkun intqal minnu bħala xhieda kompluta u sħiħa daqslikieku korraborata b'xhieda ta' aktar minn xhud wieħed.

[20] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.
[21] Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

50. Ix-xhieda prodotta tista', grosso modo, tinqasam f'żewġ kategoriji:

i) il-kategorija ta' xhieda li jsejħu lilhom infushom ħbieb ta' Adam Cini u ċjoe' Manolo Dingli, Anthony Pirotta, u Samuel Spiteri. F'din il-kategorija taqa' wkoll Cassandra Galea li pero' b'differenza tal-ħbieb l-oħra ta' Adam Cini, qatt ma ħadet sehem la verbalment u lanqas fiżikament fil-ġlied li kien hemm bejn l-imsemmija persuni u l-appellant FARRUGIA

ii) u fuq in-naħa l-oħra dawk ix-xhieda li kienu jafu lill-appellant jew għax bħal Massimo Caruana kien qiegħed jgħix miegħu fiż-żmien li seħħew l-allegati reati jew għax bħal Stephen Spiteri kien Belti bħall-appellant u kien jafu tant li anki fix-xhieda tiegħu sejjaħlu 'Johnny' b'implikazzjoni li kien hemm ċertu familjarita' mal-persuna tal-appellant.

51. Dan ikun għalhekk ifisser li din il-Qorti trid tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati waslet għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun wieżnet **<u>l-interess</u>** li xhud jew ieħor jista' jkollu fil-kwistjoni li fuqha jkun qiegħed tixhed. B''interess' hawnhekk wieħed jirreferi għal dak li xhud jaf ikun **<u>selettiv</u>** f'dak li jgħid u jiftakar f'ċerti partijiet tax-xhieda tiegħu għaliex ikun eqreb ta' parti milli ta' oħra.

52. Illi jibda biex jingħad li mhux ikkontestat kif il-kwistjoni kollha nibtet minħabba xi diskors li seta' sar miż-żgħażagħ fuq il-muturi li kienu pparkjati fi Triq il-Lanċa u ċjoe' taħt il-livell ta' Triq l-Assedju l-Kbir ġewwa l-Belt Valletta. Il-fatt li ssemmew xi muturi li kienu pparkjati taħt il-livell tat-triq xehduh kemm il-vittma stess kif ukoll Anthony Pirotta u Cassandra Galea. Hekk f'paġna 186 tax-xhieda tiegħu Adam Cini jgħid hekk:

> Le, konna il-Belt Valletta, biex niftehmu u ahna u mexjin jiena lmaht, ilmaht xi mutur hemm isfel, kien hemm xi mutur, hekk deher u wiehed minn shabi wkoll lemah dan il-mutur u waqafna.

53. Anthony Pirotta, f'paġna 67, b'riferenza għal dak li huwa sema' lil sieħbu Sam jgħid jixhed hekk:

> Imbagħad insomma sieħbi qal ''ara dawk il-muturi kemm huma sbieh''.

54. Cassandra Galea, f'paġna 206, ukoll tikkonferma li raw xi muturi pparkjati u li lkoll waqfu jħarsu lejhom:

> We were walking on Great Siege Road and we were on the pavement and below us there was a garage and we see two men. We just merely looked

at them and there was me, Adam, Sam, Manolo and Anthony and we looked at them and Sam just commented to us about the motor bikes that were in the garage and he said how nice they are and we kept on walking..

55. Illi anki l-appellant stess jixhed f'paġna 551 li huwa kellu l-'inġenji' tiegħu kollha pparkjati hemm isfel fosthom xi karozzi u muturi tat-tfal tiegħu. L-appellant anki jgħid li ġieli subixxa xi vendikazzjonijiet fuq proprjeta u vetturi tiegħu min-nies li fi stat ta' sokor kienu jinżlu fejn ir-residenza tiegħu, u anki jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom hemm isfel. Hekk per eżempju xehed f'paġna 529:

Ehe. U smajthom jghidu ejja mmorru, ejja mmorru fejn il-muturi. Jien biex nurihom li hemm xi hadd bhal speci qomt minn fuq il-mejda....
U qomt u nittawwal biex nurihom li hemm xi ħadd fhimt bħal speċi biex ma jinżlulhiex 'l hemm għax hemmhekk mhux l-ewwel darba li niżel xi ħadd u bielli mal-affarijiet skużi ta', skużi bejnietkhom.

56. Imbagħad f'paġna 551 jixhed li:

Le mhux ma ridthomx, jien mhux ma ridthomx jinżlu ħdejja. Mgħidtilhomx tinżlux ħdejja jien. Jien kulma għidtilhom, għidtilhom orrajt sieħbi, għidtilhom orrajt sieħbi jien għax rajthom qieshom xurbanin Sur Spettura u hemmhekk affarijiet ħafna ġraw flixken tal-birra jitfgħu għal isfel, fuq karozzi, windscreens u qiesni bdejt ninduna li ħa jiġri xi ħaġa l-verita mhux ma jinżlux ħdejja, setgħu niżlu għal kafe', mhux ħa jdejquni b'daqshekk.

57. Imbagħad f'paġna 554 jgħid li:

Imma mhux għax ridt nimxi magħhom jiena, l-importanti li ma jiġuniex 'l hemm għax bdejt nibża' li ħa jagħmluli l-ħsara fhimt. **Jiena għandi mutur jiswa' ħafna, kulma kelli nfaqthulu u allaħares joborxuhuli**,[22] kulma kelli.

58. Illi minn din id-deposizzjoni huwa ċar li mal-mument li l-appellant rahom iħarsu lejn il-muturi, l-iskop tiegħu kien mill-ewwel dak li jnaffarhom lil hemm biex dawn jibqgħu mexjin għal trieqthom, jitbiegħdu minn hemm u ma jagħmlulu l-ebda ħsara. Din il-Qorti tqis inverosimili li l-appellant kellimhom b'espressjonijiet leġġeri tipo 'orrajt sieħbi', meta kellu dik il-preokkupazzjoni kollha u meta ex admissis stqarr li kien hemm drabi oħra fejn xi persuni kien anke ġieli niżlu isfel ħdejh, rekanti inkonvenjenti jekk mhux ukoll danni.

59. F'dan ix-xenajru, din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati qabilha, m'għandhiex għalfejn ma temminix lil Adam Cini, Cassandra Galea

---

[22] L-enfasi ta' din il-Qorti.

u Manolo Dingli meta xehedu kif malli l-appellant rahom iħarsu lejn il-muturi beda jindirizzahom b'vuċi għolja minn isfel fejn kienu pparkjati dawn il-muturi u qallhom diskors fis-sens ta' għalfejn kienu qiegħdin iħarsu u li ma kellhomx għalfejn iħarsu u li kien aħjar jekk jibqgħu mexjin. Cassandra Galea infatti xehdet kif mhux biss l-appellant qallhom b'ħafna għajjat biex jibqgħu mexjin iżda fl-istess nifs beda wkoll joffendihom bi kliem baxx:

> the men were telling us to keep passing and the men kept telling us to keep going, that there was nothing to see and they were calling names at me and my friends. Specifically the man called us 'pufta' he said it out to someone and Adam, I don't think he said it directly to the man but he murmured 'pufta missierek' indicating for the man in the garage and the man heard him and he kept saying 'my father is dead' and he kept talking along those lines.

60. Illi jirriżulta li Adam Cini u l-ħbieb tiegħu interpretaw dik l-imġieba tal-appellant bħala waħda konfrontattiva. Kemm l-appellant kif ukoll Adam Cini pero jaqblu li l-ewwel indirizz magħmul mill-appellant lejhom kien fis-sens li kellhom jibqu miexjin lil hemm jew li ma kellhomx għalfejn jieqfu jħarsu l'hemm isfel. Biss jidher li Adam Cini ħass li dan kien kliem sfidanti tant li waqa' għal dan il-kliem tal-appellant meta l-appellant beda jgħidlu diskors fis-sens ta' 'x'intom tħarsu u jkun aħjar jekk tibqgħu mexjin'. Adam Cini, f'paġna 186, jixhed li wieġbu hekk:

> Rajt ukoll li kien hemm raġel ma' ġenb il-mutur u dan induna bina għax rana u dan b'ton ta' theddid beda jgħid 'aħjar tibqgħu timxu 'l hemm' u jien b'risposta għidtlu **'u inti x'ser tgħamilna jekk ma nimxux 'l hemm'**.[23] Imbagħad f'ħin minnhom beda jgħajjarna, beda jgħajjarna bi kliem oxxen u wkoll beda jgħajjarni 'pufta' għal xejn b'xejn u jiena b'lura għidtlu 'pufta missierek' għax ħassejtni offiż minbarra li qalli affarijiet oħra.

61. Illi l-appellant dejjem sostna li kienu Adam Cini u xi tnejn jew tlieta mill-ħbieb tiegħu li niżlu għalih fit-triq li tagħti għar-residenza tiegħu u ma kienx hu li tela' fuq. U dwar kif spiċċa fuq fit-triq huwa jgħid li dan seħħ minħabba d-daqqiet li qala' minn Adam Cini meta dan **<u>niżel għalih hemm isfel</u>**. F'paġna 537 huwa jgħid hekk:

> Sadanittant jaħtafni minn hawn. Minn sidri. Flokk kont liebes. U ċapċapli daqtejn ġo wiċċi. **Jiena imbagħad waqajt mal-art**. Fetaħli wiċċi, wiċċi mtella' bid-demm minn hawn. Għandi farrett hawn (eżatt fil-lips). U qiesna ġejna fl-idejn. Issa ġejna kważi fit-triq ta' fuq ġejna. Kważi fit-triq eżatti għax umbagħad qabadtni naqra 'l isfel **u mbagħad bid-daqqa u hekk ġejt kważi**

[23] L-Enfasi ta' din il-Qorti.

**mhux ġejt fit-triq kważi** u dak il-ħin jiena ma bsartx li ħa naqla' daqtejn fhimt għax diskors kulma kien hemm, vera offendejna lil xulxin u hekk.

62. Issa din il-Qorti tqis li anki li kieku għandha mis-sewwa u kellha titwemmen il-verżjoni li ta l-appellant fuq kif Adam Cini niżel għalih, qabdu minn sidru u tah daqqa' ta' ponn ġo wiċċu, huwa għal kollox inverosimili ta' kif l-appellant kawża ta' daqqa ta' ponn li qala' f'wiċċu minn min kien qiegħed **nieżel 'l isfel f'direzzjoni kwindi jħares 'l isfel**, seta' mbagħad dar b'mod tali li sab ruħu fit-triq. Din l-ispjegazzjoni **tikkontradixxi** wkoll il-verżjoni li ta l-appellant stess iktar 'il quddiem f'paġna 539 tax-xhieda tiegħu meta qal li bid-daqqa ta' ponn waqa' mal-art u ġie viċin il-fil fil-ħajt **tan-naħa <u>ta' isfel</u> tar-rampa** minn fejn kien ħataf is-sikkina.

63. Illi b'rabta ma' dan l-istess punt, meta in kontro-eżami ġie mistoqsi jagħti aktar dettalji fuq il-mument fejn huwa qal li waqa' mal-art għaliex kien qala' daqqiet ta' ponn f'wiċċu minn Adam Cini li kien niżel għalih hemm isfel, l-appellant kien kontradittorju u ma kkorraborax dik il-verżjoni tiegħu fejn huwa kien sostna li kien spiċċa 'l fuq fit-triq kaġun tad-daqqiet li kien qala:

Pros: Kif waqajt mal-art? Kif ġejt?
Xhud: Hekk u.
Pros: Mela ġejt lura jiġifieri rasek 'l isfel lejn in-niżla?
Xhud: La ġenba ġejt.
Pros: La ġenba jiġifieri saqajk kienu iktar 'l fuq lejn it-triq jew iktar 'l isfel lejn it-triq?
Xhud: Issa ma nafx eżatti u.
Pros: Ma tafx eżatti spjegajtilna eżattament x'kontu qegħdin tgħidu inti u Massimo u ma tiftakarx din il-biċċa jiġifieri?
Xhud: Imma dawk affarijiet personali tibqa' tiftakarhom u. Meta tiftaħ qalbek ma' xi ħadd inti żżommhom.

..../.....
Pros: Sewwa. Pero' ma tiftakarx kif ġejt meta qlajt id-daqqiet.
Xhud: Ma kelliex ma' min nitkellem u qagħad nitkellem naqra miegħu.
Pros: U pero' ma tiftakarxx kif ġejt meta qlajt id-daqqiet.
Xhud: Mal-art u.
Pros: Mal-art u daqshekk. Taf li waqajt.
Xhud: Mela mal-art.

64. Illi addirittura, f'paġna 560 tax-xhieda tiegħu l-appellant isostni li meta hu qala' d-daqqiet f'wiċċu u kellu wiċċu miksi demm, l-għażla tiegħu kienet dik li **jkompli jitla' 'l fuq** sabiex ifittex l-għinuna:

Pros: Taf li waqajt. Issa hemmhekk la darba inti qlajt daqqa u weġġajt għal liema raġuni ma ersaqtx lura u erġajt mort lura lejn id-dar u ċempilt lill-Pulizija?
Xhud: Jiena dak il-ħin x'ħin qlajt id-daqqa u ħariġli d-demm l-għażla tiegħi **kienet li nitla' 'l fuq**.
Pros: Għaliex?
Xhud: Għax 'il fuq tgħaddu intom il-Pulizija minn hemm, mit-triq jgħaddu ħafna nies, fis-Sajf karozzi u forsi jispiċċa xi ħadd minn dak id-disko u jkollu l-karozza ipparkjata hemm u jtinna daqqa' ta' id fhimt? **Tlajt qisni għall-għinuna fil-verita.**[24]
Pros: Pero' by chance jiġifieri jekk forsi jkun hemm xi ħadd, mhux iċċempel lill-Pulizija biex ikun żgur.
Xhud: Ħdejja ħadd mhu ħa jgħinni, ħdejja minn ħa jgħinni f'dak id-dlam fhimt Sinjura Spettura.

65. Hawnhekk, minn barra li **għal darba oħra** l-appellant jitradixxi lilu nnifsu fi kliemu għax jammetti li kien hu li tela' 'l fuq, saħansitra jkompli jitlef mill-ftit kredibilita' li seta' qatt jingħata meta jipprova jikkonvinċi li f'sitwazzjoni fejn skont hu kien safa' aggredit u kien beżgħan għall-ħajtu, għażel li jitla' 'l fuq fejn kien hemm l-aggressur tiegħu akkumpanjat mill-ħbieb tiegħu u dan minflok niżel 'l isfel, ingħalaq f'daru u fittex l-għinuna tal-Pulizija. Wara kollox skont hu, fil-mument li ma setax jara liż-żgħażagħ wara s-siġra, kwindi **qabel** ma qala', skont hu, id-daqqiet ta' ponn f'wiċċu mingħand Cini, kien diġa għajjat lil Massimo Caruana sabiex dan imur iċempel lill-Pulizija. Huwa anki xehed li fid-dlam ma kien hemm ħadd li seta' jgħinu u dan wara li jirriżulta li Massimo Caruana kien f'dan il-mument diġa intervjena u beda jgħajjat sabiex Adam Cini u l-ħbieb tiegħu jmorru 'l hemm bil-kwiet. Iġifieri xi forma ta' għinuna huwa diġa kellu, għalkemm Caruana ma jirriżultax li pparteċipa fiżikament fil-kollutazzjoni. Għalhekk minn din il-verżjoni tal-appellant stess, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-appellant tela' fit-triq mhux biex ifittex l-għinuna.

66. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis bħala aktar verosimili l-verżjoni mogħtija miż-żgħażagħ inkluż mill-vittma li huma ma kienu qatt niżlu fejn il-muturi u li kien l-akkużat qua appellant dak li tela' jiġri għalihom minn isfel fost ħafna storbju, għajjat u tgħajjir reċiproku. Fil-fatt din il-Qorti jidhrilha li l-iktar xhud li nħasset kredibbli in kwantu ma kien qatt selettiva f'dak li xehdet dwaru hija Cassandra Galea liema xhud saħansitra anki ddeskriviet kif rat id-demm fuq wiċċ l-appellant u xehdet mingħajr ebda tlaqliq

[24] L-enfasi ta' din il-Qorti.

fuq il-fatt li sħabha lkoll ipparteċipaw b'xi mod fil-kollutazzjoni tal-inqas għal dak li hija ddeskriviet bħala 'a lot of pushing'.

67. Effettivament, Cassandra Galea kienet ċara anke fuq kif bdiet il-kollutazzjoni bejn Cini u l-appellant. Hija tixhed li wara li semgħu ħafna għajjat ġej minn isfel rat lill-istess raġel tal-qargħa li kien qiegħed jgħajjat isfel (iġifieri lill-appellant), tiela' jħaffef 'il fuq fejn kienu huma. Hi xehdet kif laħqet rat **<u>rasu u għonqu</u>** - b'implikazzjoni kwindi li la deheru rasu u għonqu mill-punt fejn hi kienet qiegħda tara. Dan allura wkoll juri li l-appellant kien diġa' tela' 'l fuq u mhux kif qal l-appellant meta qal li kien Adam Cini li niżel għalih. A fol 206 Galea ssostni li :

> I see the bald man coming, he was walking up fast and as soon I see him, his head and his neck and I ran about seven/six metres up the pavement because I was scared and I can hear them arguing. He was arguing mostly with Adam because of the comment which Adam had passed to the man and **suddenly I see that there is a lot of pushing and there is some scuffle between the men**[25] mainly between Adam and the bald man and I see them pushing a lot and then I see Adam locking the man so as to avoid him punching him anymore and at that moment I see the other man who was with him, he was walking up the pavement and he was holding something large in his hand.

68. Hija kienet ċara wkoll fir-risposta tagħha meta mistoqsija kemm kien hemm distanza bejn il-punt fejn bdiet il-kollutazzjoni għall-punt fejn instab id-demm mal-art:

> Fejn rajt id-demm kemm 'il bogħod minn dak il-punt sal-argument?
> It was right there basically.

69. Massimo Caruana wkoll xehed b'mod li, f'paġna 146, jittenta jagħti spjegazzjoni ta' kif l-appellant sab ruħu fuq fit-triq (u ta' kif allura ma kienx l-appellant li tela' 'l fuq). Fil-fatt il-verżjoni ta' Caruana ma ssaħħax dik tal-appellant. Caruana jgħid li meta l-appellant qala diversi daqqiet ta' ponn ġo wiċċu huwa kien ġie b'daharu lejn it-triq u Cini kien ġie b'daharu **lejn in-niżla** u li l-ġlieda baqgħet dejjem tiela' 'l fuq għaliex FARRUGIA kien qiegħed jiġi mbuttat 'il fuq bid-daqqiet ta' ponn li kien qiegħed jaqla' ripetutament.

70. Din il-verżjoni tikkuntrasta ma' dak li qal l-appellant meta qal li meta Cini tah daqqa' ta' ponn f'wiċċu huwa spiċċa **<u>n-naħa ta' isfel tar-rampa</u>** minn fejn imbagħad ħataf is-sikkina minn ġo fil fil-ħajt li

[25] L-enfasi tal-Qorti.

kien hemm fin-naħa ta' isfel tar-rampa. L-appellant qatt ma xehed li Cini kien qiegħed isfel fil-mument li ħa s-sikkina mill-fil f'ħajt fuq in-naħa ta' isfel tar-rampa. Anzi l-appellant jgħid li ħataf is-sikkina u ġie fit-triq **fejn kien hemm Cini.** F'paġna 541 jixhed hekk:

> Forsi hemm pass biex tiġi fit-triq. U ppruvajt inbeżżagħhom biha... Biex jitilqu l hemm biex imorru l hemm imma ma ġarax hekk. Allura jien bis-sikkina f'idejja qed nagħmlilhom hekk u **spiċċajt tlajt fuq il-bankina tat-triq issa, ġejna fit-triq issa sewwa**.[26] Bdejt ngħidilhom morru l hemm ħalluni kwiet, morru l hemm ħalluni kwiet. U qabdu jimxu sejrin**. F'daqqa waħda dan Cini nqala' minn wara li bdew iżommuh u tefani mal-art fuq din l-istess bankina.**[27]

71. Imbagħad jifdal ix-xhieda ta' Stephen Spiteri. Jibda biex jingħad li Stephen Spiteri wera ċerta riluttanza biex jagħti x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Huwa stess jgħid li ma riedx jixhed iżda xehed **biss** għaliex kien sabu l-appellant u qallu li kien sema' kif hu kien ra kollox. Spiteri jgħid kif lil Adam Cini u lil tlieta minn sħabu rahom neżlin b'pass mgħaġġel 'l isfel. Spiteri enfasizza iktar minn darba li ma ra xejn iktar ħlief dak li xehed dwaru fis-sens illi dam biss ftit sekondi hemmhekk, b'enfasi kwindi li ra biss ċerti affarijiet u mhux oħrajn għaliex dam biss ftit sekondi, pero' mbagħad fl-istess nifs jgħid li ġietu l-kurżita jittawwal u anki qasam it-triq u għolla saqajh fuq xi ċint biex jittawwal għal isfel. Din il-Qorti tqis din id-deposizzjoni alkwantu suspetta.

72. Dan ix-xhud ma kienx jaf eżatt kemm dam dan l-inċident li ra quddiemu – minn żewġ minuti sa ftit sekondi. Iżda kemm il-movimenti tiegħu kif ukoll dak li seħħ quddiemu, bilfors li kien jirrikjedi iktar minn dawk il-ftit sekondi li f'paġna 494 qal li għamel fuq ix-xena tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri:

> Lanqas one minute u mhux kemm tittawwal, kemm tittawwal, ittawalt, rajthom jien naf ejja ngħidu thirty seconds, twenty seconds jien naf u bqajt sejjer. Jiena u sejjer xorta bqajt nisimgħu l-għajjat sakemm tbiegħedt.

73. Illi kwantu għad-dinamika li tat bidu għal din il-kollutazzjoni, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati kellha biżżejjed provi sodi quddiemha li turi kif, wara li l-appellant qal kliem lil Cini u sħabu biex jibqgħu mexjin lil hemm, kien Cini li peress li ħass li dak kien kliem ta' sfida, huwa kellu jirreaġixxi bi kliem, li issa kjarament kien wieħed ta' sfida meta wieġeb "**u inti x'ser tgħamilna jekk ma nimxux 'l**

[26] L-enfasi ta' din il-Qorti.
[27] L-enfasi ta' din il-Qorti.

**hemm".** Minn hemm dan l-iskambju ta' kliem iddeġenera fi skambju t'insulti u kliem oxxen. Filwaqt li l-appellant għajjar lil Adam Cini bl-appellattiv "pufta" u b'Malti iżjed safi, għamillu stedina biex jinżel ħdejh ħalli jkollu konġunġiment karnali miegħu, Cini wieġeb lill-appellant lura billi qallu "pufta missierek". Dan jistqarru anki Cini stess u diversi kienu x-xhieda li jikkonfermaw kif semgħu diskors offensiv fil-konfront ta' missier l-appellant minn ħalq Cini.

74. Jidher li kien dan il-kumment li bih l-appellant ħassu issa oltraġġjat li ġegħelu jiċċaqlaq minn fejn kien u jibda javviċina lil Cini, billi beda tiela t-tela b'pass mgħaġġel filwaqt li beda jeżiġi li Cini jiskuża ruħu minħabba li l-appellant kellu missieru mejjet. Iżda Cini, ex admissis, rrifjuta li jiskuża ruħu mal-appellant. F'paġna 532 l-appellant isostni li iżjed ma beda jinsisti li Cini jiskuża ruħu miegħu għax kellu missieru mejjet, Cini minn naħa l-oħra iżjed ikkarga d-doża u saħansitra issa offendih bil-qabar ta' missieru.

75. Il-fatt li l-appellant verament kien talab lill-Cini sabiex jiskuża ruħu jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' Cassandra Galea meta fil-kontro-eżami tagħha f'paġna 215 tax-xhieda tagħha kkonfermat li semgħet lill-appellant **minn isfel** jgħid lil Adam Cini sabiex jiskuża ruħu minħabba diskors li kien qal dan tal-aħħar fuq missieru.

76. F'dan l-isfond għalhekk l-appellant kjarament ma kienx kuntent bil-preżenza ta' dawk iż-żgħażagħ li kienu qegħdin iħarsu l-isfel lejn il-mutur li kellu parkeġġjat hemm u prova jgerrixhom billi jwissihom biex miexjin l-hemm. Kjarament huwa ħassu iffastidjat u ppreokkupat bil-preżenza ta' dawk iż-żgħażagħ li bdew jikkummentaw fuq il-mutur tiegħu. Iżda sa dak il-punt li huwa prova jgerrixhom lil hemm ma jirriżultax li kien għad hemm kliem li kien offensiv jew oġġettivament minaċċjuż. Cini u sħabu ma kienu qed jagħmlu xejn ħażin imbilli kienu qegħdin iħarsu lejn il-mutur tal-appellant. Iżda minn naħa tiegħu l-appellant, grazzi għal esperjenzi passati li kellu ta nies jinżlulu hemm isfel, u min jurina u min jagħmel xi ħsarat, ġralu bħal kelb il-mismut, li kull ilma jaħsbu misħun. Kien għalhekk li ħa l-azzjoni verbali preventiva li jipprova jgerrixhom lil hemm billi qallhom li kien aħjar li jibqgħu jimxu 'l hemm. Anke hawn, bil-fatt li qallhom aħjar jibqgħu jimxu l-hemm l-appellant ma kienx qiegħed jikser xi liġi. Il-problema tnislet meta Cini ħass li dan il-kumment tal-appellant kien wieħed ta' sfida u Cini allura ħass li kellu jwieġeb lura din id-darba b'ton li kjarament fih kien hemm sfida espliċita meta qallu "u inti x'ser tgħamilna jekk ma nimxux 'l hemm".

77. Dik ir-risposta sfidanti ta' Cini kienet ix-xrara li kebset in-nar fejn allura l-appellant wieġeb għall-isfida billi għajjar lil Cini pufta u stiednu jinżel ħdejh kif spjegat iżjed il-fuq. Għal darb'oħra Cini żied id-doża tat-tgħajjira billi wieġeb lill-appellant li l-pufta kien missieru. Din id-darba l-appellant eżiġa skuża mingħand Cini, fejn dan prontament irrifjuta u l-appellant resaq lejn Cini għas-sodisfazzjoni wara li kien ħass ruħu offiż u mweġġa' b'diskors li sar fuq missieru l-mejjet minn persuna li rrifjutat ukoll li tiskuża ruħa.

78. B'referenza għax-xhieda ta' Cassandra Galea:

> Spettur Saviour Baldacchino: Could you see who started the fight or what had happened?
> Cassandra Galea: It was the man who gave the first push and then suddenly everyone started getting out of hand and then everyone was trying to defend themselves and getting into the fight to try to stop them from getting hurt.

79. In oltre f'paġna 209 tax-xhieda tagħha hija tgħid hekk:

> So I remember that when at the beginning **the first man pushed Adam**, and then when Adam locks the man he punched him, and then when the other man was walking up the whole thing stopped and it was when Adam turned around that I hear him grunt and I assume that it was when he was stabbed.

80. Anthony Pirotta, f'paġna 71 tax-xhieda tiegħu, jgħid hekk:

> Imbagħad Adam qallu, 'le' qallu, 'mhux ser ngħidlek sorry', imbagħad ma nafx kif ġiet eżatt, jien niftakar lilu jimbuttah minn spallejh lil Adam, jimbotta lil Adam minn spallejh u f'daqqa waħda bdiet scuffle quddiemi u li niftakar lil Adam jaqbdu minn idu, dik l-id tas-sikkina, itih bil-ponn ġo wiċċu u jimxi bih, Adam lil dan u meddu fejn ir-railings in-naħa l-oħra ħdejn il-baħar u kien qiegħed b'idu maqbuda ġor-railings.../...
>
> L-id tas-sikkina, l-id tas-sikkina maqbuda fir-railings u Adam qed itih bil-ponn ġo wiċċu.

81. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi allura hija iktar kredibbli dik il-verżjoni tal-fatti li kien l-appellant li tela' għal Adam Cini wara li dan kien offendih b'missieru jew bil-qabar ta' missieru u fid-dagħdiha li kellu fuqu l-appellant spiċċa biex ċeda għall-passjoni u refa' jdejh fuq il-persuna ta' Adam Cini fis-sens li mbuttah meta kienu sider ma sider.

82. U din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tqis li dan kien proprju l-mument li fih bdiet isseħħ il-kollutazzjoni bejniethom u li

wasslet għall-epilogu fejn Adam Cini sofra d-daqqiet ta' sikkina fuq persuntu, inkluż dik f'daharu. U jirriżulta wkoll ippruvat li sal-mument li Adam Cini kien safa' ferut bid-daqqa' ta' sikkina, il-kollutazzjoni bejniethom kienet bl-idejn, għalkemm Cini jgħid ukoll li huwa kien ġie ferut bis-sikkina b'mod li kellu diversi tiċritiet ma ġismu, inkluż, id-daqqa aħħarija li huwa dabbar f'daharu.

83. Iżda ma hemmx qbil bejn il-partijiet fuq il-mument meta l-appellant ta d-daqqa tas-sikkina fuq dahar Cini. Filwaqt li Cini u l-ħbieb tiegħu jagħtu lil wieħed x'jifhem li l-ġlieda kienet diġa kkalmat, l-appellant jixhed li kien għadu jħossu mhedded meta ferixxa lil Cini.

84. F'paġna 78 Anthony Pirotta jgħid hekk:

> Dr.Noel Cutajar: Il-ġlieda kienet waqfet dak il-ħin, meta saret din id-daqqa?
> Anthony Pirotta: Il-ġlieda kienet waqfet għalija jiena, għax kien għadu mal-art, Adam waqaf iżommu u jtih, il-ġlieda għalija kienet waqfet jiġifieri.

85. Anki Manolo Dingli u Samuel Spiteri jixhdu kif meta Adam Cini qala' d-daqqa f'daharu, il-ġlieda kienet ikkalmat, Adam Cini kien telaq lil FARRUGIA mar-railings u li kien diġa beda miexi biex jitilqu 'l hemm tant li lill-aggressur tiegħu kien tah daharu. Fil-kontro-eżami tiegħu f'paġna 134 Samuel Spiteri jikkorrabora dak li qalet Cassandra Galea kif il-ġlieda kkalmat fil-mument li tela' Massimo Caruana jheddidhom u jbeżżagħhom bis-serrieq:

> Dr. Giannella Demarco: Ngħid sew li kien biss wara li qalilkhom hekk li tlaqtuh?
> Samuel Spiteri: Ftit wara iva.

86. U din il-verżjoni ta' fatti jikkonfermaha wkoll Massimo Caruana meta f'paġna 153 tax-xhieda tiegħu jgħid li Adam Cini waqaf jagħti lill-appellant biss wara li tela' hu bis-serrieq, u jgħid li 'f'daqqa waħda qam, qam minn fuq Johnny u telaq'. Massimo Caruana pero, għalkemm kien hemmhekk qiegħed jara kollox jgħid li ma jiftakarx li ra lill-appellant jikkoltella lil Cini. L-appellant lil Massimo Caruana stranament ma jimplikahx fil-mument li ntemmet il-ġlieda u ma jsemmi qatt li kien tela' Massimo Caruana bis-serrieq minn isfel jgħajjat sabiex jieqfu jagħtuh. Isemmi biss lil Caruana fil-mument imbagħad li qal li dan tela' għalih sabiex iniżlu 'l isfel. U lanqas ma kien konvinċenti meta fil-kontro-eżami eskluda li Massimo Caruana qatt intervjena biex jgħinu u dan kuntrarjament għal dak li xehdu x-xhieda kollha f'dawn il-proċeduri nkluż Caruana stess:

Pros: Jiġifieri sieħbek li kien joqgħod miegħek fil-ħin tal-inċident mar lura d-dar.
Xhud: Il-verita' ħsibtu flok ċempel lill-Pulizija ħsibtu telaq jiġri 'l isfel jien.
Pros: Niżel isfel, ma qagħadx miegħek biex jissaportjak imqar biex inkunlek xhud.
Xhud: il-verita ħsiebtu telaq jiġri 'l isfel, il-verita'. Dan min iħobbu l-inkwiet. Dan l-inkwiet ħadd ma bagħat għalih.[28]

87. Illi skont l-appellant, a fol. 569, fil-mument li huwa ta lil Cini bis-sikkina, il-ġlieda ma kinetx għadha ntemmet:

Jien x'ħin kont qiegħed bil-qeda fuq dak iċ-ċint fejn kont ħa naqa' mhux ħa naqa' kienu ħa jwadbuni għal isfel, xħin qagħadt bil-qeda hekk qiesni nieħu n-nifs qed niehu n-nifs baqali **hekk hu bħal speċi qisu ħa jerġa jtinni,**[29] għamiltlu hekk, ma ridtx intihielu

88. Addirittura jgħid li Cini kien qiegħed iħares lejh fil-mument meta hu nifidlu daharu bis-sikkina. Dan evidentement huwa kontraddett minn dik ix-xhieda taż-żgħażagħ li lkoll qalu kif l-appellant ferixxa lil Cini meta dan dar biex ikompli miexi 'l hemm wara li Massimo Caruana kien gerrixhom 'l hemm bit-theddida tas-serrieq. In oltre, kemm l-appellant mhux kredibbli meta qal li Adam Cini kien qiegħed iħares lejh meta dan qabad is-sikkina sabiex iferieh jirriżulta mill-immaġni li tinsab a fol. 318 tal-atti proċesswali, mnejn jirriżulta li d-daqqa ta' sikkina li ssubixxa Cini kienet tinsab f'post lejn in-nofs ta' daharu. Dan kien allura jfisser li din id-daqqa' Cini kien qalagħha a tradimento, f'mument fejn Cini kellu daharu kollu espost lejn l-appellant.

89. In oltre, anki l-fatt li jirriżulta li s-sikkina **<u>kollha</u>** minbarra l-manku, kienet imdaħħla f'dahar Cini, tindika li l-appellant kien f'pożizzjoni fejn seta' mingħajr xkiel jikkonċentra s-saħħa kollha tiegħu sabiex iniffed lil Cini u għalhekk tali pożizzjoni ċertament mhiex kompatibbli ma' sitwazzjoni fejn persuna kienet qiegħda ddur hija u taqla' d-daqqa. Għaldaqstant għandha iktar mis-sewwa l-verżjoni ta' Cini u tal-ħbieb tiegħu li l-appellant ferixxa lil Cini wara Cini kien waqaf jagħti lill-appellant u f'mument fejn allura Cini kien dar minn quddiem l-appellant biex b'hekk laħaq ġie b'daharu lejn l-appellant.

90. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tqis li l-appellant kien mexa r-rampa u tela' 'l fuq fit-

[28] F'paġni 565 u 566 tax-xhieda tiegħu.
[29] L-enfasi tal-Qorti.

triq fejn kien hemm Cini u l-bqija diġa armat bis-sikkina, kif ukoll li l-kollutazzjoni fiżika bejn l-appellant u Cini bdiet u seħħet fit-triq hemm fuq u mhux isfel fuq ir-rampa kif qal l-appellant. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet ukoll, legalment u raġonvolment tikkonkludi li **l-appellant tela' r-rampa u mar fit-triq fejn kien hemm Cini u sħabu wara li kien hemm skambju inizjali ta' diskors dispreġġjattiv bejnu u bejn Cini u xi wħud minn sħabu u li meta huwa għamel dan, huwa kien armat bis-sikkina f'idu diġa.**

91. Għalkemm Massimo Caruana ma xehedx li ra sikkina f'idejn l-appellant jew li ra lill-appellant jieħu s-sikkina minn ġol-ħajt, ma jirriżultax li l-appellant **wara** li tela' fuq fit-triq, qatt reġa' niżel 'l isfel qabel ma ntemmet il-ġlieda. Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tikkonkludi li timxi fuq ix-xiehda ta' Adam Cini, Anthony Pirotta u Samuel Spiteri li qalu li raw lill-appellant tiela' minn isfel armat b'xi ħaġa li rriżultat li kienet sikkina. U f'dan il-kuntest jagħmel sens allura d-diskors li qal l-appellant meta qal li huwa tela' minn isfel bl-iskop li jbeżża lil dawn iż-żgħażagħ biex ma jinżlulhux hemm isfel u meta dan id-diskors qalu f'kuntest fejn huwa kien qiegħed jixhed fuq il-mument li ħa s-sikkina minn ġol-ħajt:

> U qbadt is-sikkina[30] dak il-hin bil-biza li kelli biex nbezza lilhom. Qbadtha bix-xellug gzax qiegħda fil-zajt. U qbadtha hekk biex inbezzahom qomt bil-wieqfa u gejt fit-triq.

92. U allura kemm -il darba jirriżulta li l-appellant tela' minn isfel, armat b'sikkina bl-intenzjoni ex admissis li jbeżża' lil Cini u lill-bqija ta' sħabu, dak li xehedu Anthony Pirotta, Manolo Dingli, Samuel Spiteri u Adam Cini jakkwista aktar kredibilita' meta dawn qalu li l-appellant beda jhedded li kien **se jqatta' jew iċarrat** lil Cini kemm -il darba dan ma kienx sejjer jiskuża ruħu. U allura biex setgħa jċartu dak il-ħin jekk mhux bis-sikkina li huwa kien qiegħed iġorr f'idejh dak il-ħin?

## Ikkunsidrat

93. Illi stabbiliti dawn il-fatti, u mgħarbla mill-lenti tal-ġurisprudenza imsemmija iżjed il-fuq, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-appellant ma jistax jinvoka b'suċċess id-difiża tal-provokazzjoni imsemmija fl-artikolu 230(a)(ċ)

[30] Fol. 541 tal-atti proċesswali.

tal-Kodiċi Kriminali. Kif intqal, kemm fl-appell kriminali **Philip Muscat** imsemmi iżjed il-fuq kif ukoll f'diversi sentenzi tal-Corte di Cassazione jingħad ċar u tond kif sabiex tirnexxi d-difiża tal-provokazzjoni, **l-imputat ma jridx ikun poġġa lilu nnifsu f'sitwazzjoni tali li jkun anki hu pprovoka l-ġlied jew ikun hemm sitwazzjoni ta' provokazzjoni reċiproka.**

94. Jirriżulta b'mod ċar li l-iskambju tad-diskors beda meta l-appellant ipprova jgerrex lil Cini u sħabu milli joqgħodu jħarsu l-isfel lejn il-mutur. Iżda dan id-diskors tiegħu ġie mifhum bħala ta' sfida minn Adam Cini li wieġbu lura x'kien se jagħmlilhom jekk ma jibqgħux miexjin. Iżda huwa fatt ukoll li l-appellant kien dak li uża kliem offensiv lejn Cini u li wassal għalbiex l-istorja bdiet tikber bejniethom.

95. Ir-risposta ta' Adam Cini versu l-appellant fej dan offendieħ b'missieru ferixxa lill-appellant u qajjem fih stat ta' rabja. Iżda xorta jibqa' l-fatt li kif tgħallem il-ġurisprudenza imsemmija iżjed il-fuq, l-appellant kien obbligat li jżomm kontroll tal-passjonijiet tiegħu u ma jħallix lilu nnifsu jitkaxkar fid-dagħdiha li ħakmitu. Fl-aħħar mill-aħħar, sa dak il-punt, id-diverbju bejniethom kien wieħed verbali u anke jekk ma kienx sew li jsir hekk, setgħa nżamm biss fuq dak il-livell, bi skambju ta' tgħajjir u offiżi reċiproċi. Iżda l-provi juru li ma ġarax dan. Anzi x-xiehda li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati turi li kien l-appellant li mar għal Cini biex jeżiġi li dan jiskuża ruħu. Iżda meta għamel hekk huwa kien ukoll armat bis-sikkina.

96. Din l-imġieba tiegħu għalhekk hija evidenza ta' kemm l-intenzjoni tiegħu kienet li huwa jkun armat għall-ġlied. Għalkemm l-appellant jgħid li minn isfel kien hemm siġra tgħattilu l-viżwali tiegħu, hu u tiela' r-rampa, imbagħad setgħa jara sew li Cini ma kienx waħdu iżda li kien hemm numru ta' nies oħra miegħu fit-triq. L-appellant għalhekk kien jaf li l-qiegħa kienet sħuna u minkejja dan xorta tela' fuq jgħajjat u jisfida lil Cini bis-sikkina f'idu u li deheret anke mill-bogħod b'mod li anke diversi xiehda li kienu ma Cini setgħu jarawha.

97. Cini u sħabu qiesu dan l-atteġjament tal-appellant bħala wieħed ta' sfida u provokazzjoni. Cini minn naħa tiegħu irreaġixxa billi minflok skuża ruħu baqa' jimpika mal-appellant. S'intendi meta Cini ma skużax ruħu, l-appellant spiċċa biex imbotta lil Cini u hemm għaqdet. Minn diverbju verbali dan l-inċident spiċċa f'kollutazzjoni li ddeġenera fl-akkoltellament ta' Cini da parti tal-appellant. Bid-dovut rispett f'dan il-każ kemm l-appellant kif ukoll Cini żbaljaw bil-kbir. L-

appellant setgħa kien verament imdejjaq b'dawk in-nies li kienu joqgħodu jħarsu l-isfel lejn fejn kien jgħix hu, jekk mhux ukoll imorru jurinaw hemm jew saħansitra jagħmlulu l-ħsara. Iżda mill-banda l-oħra ma kellux jieħu atteġġjament ostili lejn min ikun qed iħares l-isfel meta jkun irid jurihom li hemmhekk kienu jgħixu n-nies. It-ton ta' twissija tiegħu lil dawk iż-żgħażagħ kienet ix-xrata li qabdet il-ħuġġieġa f'dan il-każ. Mill-banda l-oħra Cini żbalja wkoll għaliex setgħa faċilment għalaq ħalqu u baqa' għaddej. Jew għall-anqas, jekk ħass li kellu jwieġeb setgħa jwieġeb mingħajr ma jkun konfrontattiv fir-risposta tiegħu. Daqskemm Cini żbalja meta huwa wieġeb lura lill-appellant, żbalja iżjed l-appellant meta did darba offenda lil Cini billi għajru pufta. Cini ma qagħadx għaliha u offendih lura b'missieru. L-appellant żbalja iktar meta mbagħad mar għalih bis-sikkina, u spiċċa imbuttah minn spaltu. Cini imbagħad kompla fl-iżball meta refa' jdejh fuq l-appellant. Finalment, l-ikbar żball għamlu l-appellant meta uża s-sikkina fuq Cini. Vermament dan huwa każ fejn kelma ġġib lil oħra u li f'tebqa' t'għajn serata ta' divertiment għal ftit żgħażagħ setgħet tispiċċa fi traġedja..

98. U hawnhekk din il-Qorti terġa' tagħmel referenza għall-insenjament tal-Mantovani, abbraċċjat anki mill-Qrati Maltin, li jirrikonoxxu li sabiex tirnexxi l-minoranti tal-provokazzjoni ma jridx l-aggressur ikun poġġa lilu nnifsu f'sitwazzjoni inizjali ta' illegitimita':

> Il provocato versasse in una situazione iniziale legittima o quantomeno non illecita, non potendo operare l'attenuante quando il fatto ingiusto del provocatore sia stato in precedenza cagionato da un comportamento altrettanto ingiusto del provocato c.d. **provocazione reciproca.**[31]

99. Illi wkoll, għalkemm kif ingħad, il-provokazzjoni ma tirrikjedix li jkun hemm proporzjonalita' matematika bejn l-azzjoni provokatorja u r-reazzjoni tal-aggressur, ċertament li ma jistax jingħad li r-reazzjoni ta' FARRUGIA meta ferixxa lil Cini b'daqqa ta' sikkina f'mument fejn il-ġlied bl-idejn kien intemm, kienet tirrispetta l-kriterju tal-'adeguatezza' hekk kif rikonoxxut fil-ġurisprudenza fuq enunċjata. Din il-Qorti ma tħossx li jkun korrett l-appellant li jargumenta li ma kienx hemm sporzjon bejn l-aggressjoni subita bl-idejn u r-reazzjoni tiegħu li jagħti daqqa' ta' sikkina sempliċement għaliex huwa ma setax ilaħħaq ma' Cini. Jibqa' l-fatt li d-daqqa ta' sikkina kienet manifestament ingħatat f'ċirkostanza fejn il-ġlieda kienet intemmet, għalkemm bi ftit. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza ċitata mill-Professur Mamo in re **Lia** fejn ingħad bl-aktar mod ċar minn dik

[31] L-enfasi ta' din il-Qorti.

il-Qorti li qieset li l-użu ta' arma f'każ fejn kien hemm ġlieda ma kienetx tista' titqies bħala miżura proporzjonata.

100. Illi għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni u l-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

## Ikkunsidrat

101. Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, din il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal dak li qalet l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'paġna 66 tas-sentenza tagħha, b'referenza kwindi għas-sitt imputazzjoni:

> Id-difiża inkwantu għal din l-imputazzjoni argumentat illi ladarba ġie ippreżentata biss is-sentenza u mhux ukoll l-ordni li jkun iffirma fuqu l-imputat allura jsegwi li ma jistax jiġi determinat x'kienu l-ordnijiet imposti fuq l-imputat u huwa x'ordni kiser. Din il-Qorti ma tqisx li tali sottomissjoni għandha tintlaqa'. F'dan il-każ dak li qiegħed jiġi addebitat bih l-imputat huwa li wettaq reat waqt il-perjodu operattiv tal-ordni ta' probation u mhux qiegħed jiġi akkużat bi ksur ta' xi ordni ieħor li x'aktarx f'din l-aħħar eventwalita' jkun hemm proċeduri ta' denunzja.

102. Issa din il-Qorti tirrileva li l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tiegħu indika l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta liema dispożizzjoni tal-Liġi tgħid is-segwenti:

> (1) Jekk f'xi waqt matul il-perjodu ta' probation il-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti tal-Minorenni, il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali, skont il-każ, tkun tal-fehma li min ikun taħt probation ikun naqas li jħares xi waħda mill-ħtiġiet tas-sanzjoni komunitarja, il-qorti kompetenti tista' toħroġ taħrika li fiha titlob lil min ikun taħt probation biex jidher quddiem dik il-qorti fil-post u l-ħin hemm speċifikati, jew tista', jekk iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, toħroġ mandat għall-arrest ta' min ikun taħt probation.

103. U d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jipotizza s-sitwazzjoni fejn l-imputat ikun ġie ddenunzjat mill-Uffiċjal tal-Probation li tkun qiegħda ssegwih minħabba xi ksur ta' waħda mill-kundizzjoniiet li jkun ġew imposti fl-ordni ta' probation li jkun hekk ġie marbut biha skont ordni ta' Qorti, **inkluż fost oħrajn, dik li ma jikkomettix aktar reati waqt il-perjodu operattiv tal-ordni ta' probation.** Biss, sabiex il-Qorti tkun hekk tista' tapplika

wkoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 tal-imsemmi kapitolu għaliex ikun irriżulta ampjament ippruvat li l-imputat ikun ikkommetta reat volontarju waqt il-perjodu operattiv tal-ordni ta' probation, u għalhekk ikun kiser ukoll il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation mogħtija ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, trid tkun saret il-prova ta' x'inhuma l-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation mill-Prosekuzzjoni għaliex din il-Qorti ma tistax tassumi li fost il-kundizzjonijiet hemm elenkati kien hemm ukoll dik li ma jikkommettix iktar reati waqt il-perjodu operattiv tal-ordni ta' probation, għalkemm dejjem hekk ikun il-każ.

104. In oltre, trid tkun saret ukoll il-prova li tali ordni ta' probation kienet in vigore fil-perjodu li jkunu ġew kommessi r-reati mertu tal-proċeduri odjerni u l-prova tal-identita' tal-appellant. U din il-Qorti tqis kif il-Prosekuzzjoni f'dan il-każ naqset milli tipprova illi l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation tikkomprendi wkoll il-kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation għaliex ma ġietx esebita vera kopja ta' dawn il-kundizzjonijiet, kif argumenta l-appellant f'dan it-tieni aggravju tiegħu.

105. Illi di piu' din il-Qorti tirrileva wkoll li l-Avukat Ġenerali naqas milli jindika l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu u l-ġurisprudenza prevalenti fuq dan is-suġġett hija ċara. Hekk per eżempju ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Omissis** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014:

> Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju huwa minnu illi l-Qorti tal-Magistrati hija strettament marbuta mal-artikoli ikkwotati mill-Avukat Generali fl-att tar-rinviju tieghu u ma tistax minn rajha tirreferi ghal artikoli ohra mhux ikkwotati mill-Avukat Generali fir-rinviju.

106. L-istess ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Peter Azzopardi** deċiża nhar l-10 ta' Jannar 2007:

> Issa bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Michael Carter deciz fis-7 ta' Dicembru 2001, meta "r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal filkaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu

> 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti).

107. Illi għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa' dan it-tieni aggravju tal-appellant.

## Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

108. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed

only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2] This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

109. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta'

l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

110. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċizzju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

111. Illi l-Qorti tqis li f'dan l-istadju teħtieġ tagħmel xi kunsiderazzjonijiet liema kunsiderazzjonijiet għandhom effett fuq il-kwantita' ta' piena li sejra tiġi imposta. Qabel xejn kif intqal iżjed il-fuq, għalkemm l-imġieba tal-appellant kienet legalment ċensurabbli għall-aħħar, l-anqas l-imġieba ta' Adam Cini ma kienet waħda aċċettabbli. Adam Cini kellu jkollu iżjed melħ f'moħħu meta huwa ġie biex iwieġeb lill-appellant. Setgħa jwieġbu lura mingħajr toni iżjed konfrontattivi jekk mhux ukoll sfidanti. Apparti minn dan, jirriżulta ex admissis li Cini nnifsu għajjar lill-appellant b'missieru, u meta konfrontat mill-appellant biex jiskuża ruħu, Cini baqa' jirrifjuta li jagħmel dan, anke jekk kien ġie mħeġġeġ biex jagħmel dan anke minn sħabu stess. Del resto, anke jekk l-ewwel kliem offensiv jirriżulta li intqal mill-appellant, ma jirriżultax li l-ewwel kliem użat mill-appellant kien tal-istess doża ta' ħruxija. L-imġieba ta' Cini ikkontribwiet bil-kbir biex is-sitwazzjoni bejnu u bejn l-appellant tiddeġenera.

112. Biss, din il-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għall-fatt, kif ingħad aktar 'il fuq, ta' kif l-attitudni tal-appellant sa mill-bidu kienet waħda ta' konfrontazzjoni. In oltre, ikun wisq perikoluż li jiġi kkunsidrat bħala skużabbli l-komportament ta' dak li jkun li għax ħassu ferut minħabba diskors dispreġġjattiv li jkun intqal fil-konfront tiegħu, faċilment iħoss il-ħtieġa li jaqbad arma f'idejh, jhedded biha u addirittura jasal li jużaha. Wieħed għandu dejjem l-obbligu li jikkontrolla l-passjonijiet tiegħu f'soċjeta' ċivili. Din il-Qorti rat ukoll li għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellant ħati fis-sensi tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali aktar milli taħt l-artikolu 218 tal-istess, jibqa' l-fatt li dan kien każ ta' akkoltellament mill-appellant

fuq Adam Cini. F'dan is-sens huwa applikabbli l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali li jirregola l-posizzjoni fejn offiża gravi fuq il-persuna tiġi magħmula bil-mezz ta' strument li jaqta' jew bil-ponta.

113. Kif intqal mill-Prim'Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Stephen Mamo, deċiż nhar it-23 ta' Lulju 2010 :

> **5.** Issa, kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tispjega proprju fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** (li ghaliha rrefera l-Avukat Generali fir-rikors ta' l-appell tieghu, *vide supra*):
> **"…bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika. Mill-banda l-ohra, meta l-ligi taghti latitudini wiesgha fil-piena, il-Qorti ghandha wkoll tibbilancja l-esigenzi tas-socjeta` mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz."**

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' dan l-appell in parti billi:

i) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni;

ii) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma sabetx ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u minnha illiberatu minn kull ħtija;

iii) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni;

iv) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma sabitx ħtija fl-appellant għall-addebitu tar-reċediva fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali;

v) Tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet ħtija fl-appellant għal dak li jirrigwarda s-sitt imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull ħtija dwarha;

vi) Tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata konċernanti l-piena biss f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati kkundannat lill-appellant għall-piena ta' tliet snin priġunerija fir-rigward tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet flimkien ma piena ta' sentejn priġunerija oħra in segwitu għas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tas-sitt imputazzjoni u

(a) peress li b'din is-sentenza l-appellant qiegħed jiġi liberat mis-sitt imputazzjoni, din il-Qorti qegħda tħassar it-terminu ta' sentejn priġunerija mogħti b'riferenza għal dik l-imputazzjoni;

(b) inoltre, tħassar ukoll it-terminu ta' prinġunerija ta' tliet snin li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet imponiet fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija taħt it-tieni u r-raba' imputazzjoni u stante ċ-ċirkostanzi partikolari imsemmija iżjed il-fuq, din il-Qorti tqis li għandha tiġi mnaqsa minn tliet snin għal sentejn priġunerija minflok.

vii) Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tagħha.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**